**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 26**

**Il-Ħamis 29 ta' April 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:15 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **26.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji** |
| **26.1.1** | Xejn |
| **26.1.2** | Is-Sa Janice Chetcuti Kienet għadha mhux preżenti, din waslet 10 minuti tard. |
| **26.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| **26.2.1** | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 25 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta’ dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **26.2.2** | Is-Sin. Elenia Desira ppproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 25 u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **26.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 26.3.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti li fit-12 t`April 2021, is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat, kellhom laqgħa mal-Perit Robert Grech fejn ġiet diskussa ic-Central Strip ta’ quddiem il-Kunsill, is-siġar taż-żebbuġ ta’ Triq il-Port Ruman, l-applikazzjoni tal-bandli tal-Magħluq, kif ukoll jingħata update dwar il-binja l-ġdida tal-Kunsill. |
| 26.3.2 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti li fis-27 ta` Frar 2021, is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Stephen Caruana kellu laqgħa mal-Ministeru tal-Biedja u Sajd rigward l-iskalien u dgħajjes li hawn f’Marsaxlokk. |
| 26.3.3 | **Bye-Laws.** Sar qbil li By Laws jibdew jintbgħatu mill avukat lill-Koperattiva kompluti bil-mappep biex jiġu ċċekjati. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss jerġgħu jikkonfermaw il-By laws.<br>Inġibdet l-attenzjoni ukoll li meta tintbgħat korrispondenza f’isem il kunsill, iridu jiġu ikkupjati is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv. |
| 26.3.4 | **Mwejjed u Siġġijiet**. Is-Sur Daniel Zerafa beda jgħamel il-pjanti u aktar tard ġie deċiż li jitqabbad perit biex isiru il-pjanti. Il-kunsill ser jimxi u jmexxi fuq iż-żewġ permessi kemm dawk tal-Lands Authority kif ukoll tal-Awtorita’ tal-Ippjanar. Fuq dan il-punt ser issir laqgħa mal-Entitajiet kollha. Ġiet iddraftjata ittra għall terzi |

| | |
|---|---|
| | persuni li ser jgħarmaw l-imwejjed u siġġijiet. Dawk li mgħandomx permess, fi żmien sena irid jirregolaw ruħom u jġibu l-permess. |
| 26.3.5 | **Ġnien gewwa Triq il-Labour.** Saret Talba biex isir Culvert u jsir ġibjun sabiex jinġabar l-ilma tax-xita. Ġie propost ukoll Dog Park u żrieħ ta aktar siġar. Disinn ta kif ġej il-proġett jintwera aktar tard. |
| 26.3.6 | **Central Strip ta' Bir id-Deheb**. Disin propost intgħoġob imma kien hemm kumment li ma kienx hemm biżżejed fjuri. |
| 26.3.7 | **Il-Magħluq u fejn it-TexMex.** Tqabbad perit mill-Awtorita tat-Turiżmu u saru form tal Planters, liema planters intalab sabiex jinżebgħu. |
| 26.3.8 | **L-Uffiċini tal Kunsill.** Is-Sindku ressaq proposta li minħabba is-sitwazzjoni tal pandemija titpoġġa skrivanija u jinxtaraLaptop għad-dispożizzjon tal-kunsilliera, dan sabiex ma jibqghux jużaw il-kompjuters tal-ħaddiema. Dawk preżenti qablu. |
| 26.3.9 | **Il-Bandli proposti.** – Il-Bandli tal-Maghluq se nitolbu il-Ministeru ghat-Turizmu sabiex jghina naghmluhom. Rigward il-Bandli tal-Port Ruman, se napplikaw ghall-iskema mahruga mid-Dipartiment SPI/SCI/2/2021. |
| 26.3.10 | **Il-Facebook tal-Kunsill.** Dan ser jibdew jieħdu ħsiebu is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun hemm moniteraġġ ta' x'qed jiġi ippostjat. |
| 26.3.11 | **Binja Anchorage** |
| | Wara li l-Kunsill ġie muri il-pjanti u l-preżentazzjoni viswali, meta mqabbla mal-binjiet tal-madwar bl-istess għoli qed jgħaqbel li sakemm jintbgħatu kopja identika ta dawk preżentati lil-kunsill il-vot li se jittiehed huwa validu. Jekk dawn ma jaslux għand il-kunsill, il-vot jiġi null.<br><br>**Taqbel mal-proġett propost bil-viswali preżentati lil-Kunsill wara li oġezzjonajna meta ġie nnutat li hemm nuqqas ta' konformita' bejn dak li kien approvat qabel u l-binja attwali?** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Steven** | **Iva** | **Daniel** | **Le** |
| **Elenia** | **Iva** | | |
| **Janice** | **Iva** | | |
| **Stephen** | **Iva** | | |

| | |
|---|---|
| 26.4 | **Planning**. Dokument ta Nfurzar imħejji min Daniel Zerafa ġie mfaħħar u approvat unanimament. |
| **26.5** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 26.5.1 | Is-sinjura Janice Chetcuti staqsiet jekk il-gazebos jitqiesux bħala kamp jew umbrella. Ġie iċċarat li dawn bħall umbrellel u jistgħu jintamaw b'distanza. |
| 26.5.2 | Wara mistoqsijiet varji dwar Il-fences tal l-injam li qed isiru is-sindku spjega li l-aħjar jitlestew dawk ta man naħa ta ġewwa. Huwa żied jgħid li żamm il-ħaddiema biex jipprova ilesti kemm jista jkun malajr. Janice staqsiet jekk hux ser isir l-istess ħaġa man-naħa tal-baħar u s-sindku qal iva biex ikunu konformi. Daniel talab li ssir linji gwida mal-art biz-zebgħa. |
| **26.6** | **Planning** |
| 26.6.1 | Daniel Zerafa spjega li f'2016 Elbros applikaw sabiex ineħħu il fence u jinbena ħajt doppju u ser iżid xi Land scaping. Dar li tinsab viċin li hi skedata ser titranġa. Ser isir id-dawl u jitranġa. |
| 26.6.2 | l-Ex HSBC ser jaqa u ser tittella binja b'żewg sulari u wieħed irtirat il-ġewwa. |
| 26.6.3 | Berġa ġiet approvata |
| 26.6.4 | Dar tax-xiha hemm applikazzjoni għall ristorant ieħor |
| 26.6.5 | Triq Ċiċerun kif toħroġ mill-isqaq ġiet mirbuħa mis-sid |
| 26.6.6 | Barumbara ġol Wied ser titwaqqa u titla binja. |
| 26.7 | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal Pagamenti u Petty Cash** |
| 26.7.1 | Proponiet Elenia Desira  u ssekondat Janice Chetcuit. |
| **26.8** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 26.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00 wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 ta Mejju 2021, fil 16:00pm |

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Steven Grech** | **Charles Attard** |
| *Sindku* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |